# Innu
# Lil Santa Katarina Verġni u Martri
# Patruna Titulari taż-Żurrieq

Versi u Mużika tas-Surmast Espedito Deguara A.Mus. L.C.M.

---

**Semma' poplu l-vuċi tiegħek**
**F'dil-ġurnata ta' ferħ kbir**
**Għajtu Viva l-Verġni u Martri**
**Lilha nagħtu kull tifħir.**

**Palm, ġilju, rand, fjuri, kuruni ninsġuh,**
**Quddiem Katarina mmorru npoġġuh.**

**Inti l-hena, l-għaxqa tagħna**
**Int imżejna b'kull virtu'**
**Int l-eżempju ta' l-Insara**
**Int l-għarusa ta' Ġesu'.**

**O Verġni mqaddsa, li mis-smewwiet**
**Titlob għalina fil-gwaj, fl-inkwiet,**
**Fis dawwar lejna l-għajnek tant ħelwin,**
**Biex niġu ngawdu sehem mal-Qaddisin.**
**Glorja, foħrija lilek nagħtuk**
**Aħna wliedek ma' qalbna ngħożżuk.**